30 ta' Ġunju, 1948.

**Imħallef:**

**L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.**

**Wistin Bonello ne. *versus* P.L. Ercole Valenzia ne.**

## Bejgħ — Arbitraġġ — Kompetenza.

*Il-patt li bih il-partijiet jirrimettu lill-arbitri l-kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu bejniethom dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt huwa validu u ma hux kontra l-liġi; għax il-Qorti tibqa' dejjem kompetenti biex tinvestiga l-validità u l-effikaċja ta' l-arbitraġġ.*

*Ladarba l-patt arbitrali huwa validu, u l-Qorti ma tara ebda impossibilità fl-osservanza tiegħu mill-partijiet, dawn għandhom joqogħdu għalih.*

*Għaldaqstant il-kwistjonijiet li jinqalgħu bejn il-partijiet fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt għandhom jiġu deferiti lill-arbitri minnhom maħtura, u l-Qorti ma hix kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' dawk il-kwistjonijiet; salvi r-rimedji ġudizzjarji wara l-arbitraġġ, jekk ikun il-każ skond il-liġi.*

L-attur fit-taħrika qal illi d-ditta attriċi ordnat minn għand id-ditta konvenuta 200 tunellata kafè "Victoria" bil-prezz ta' 80s. 9d. għal kull hundredweight u li kellu jiġi konsenjat lill-Gvern ta' Malta sal-15 ta' Marzu 1947, kif kienet taf id-ditta konvenuta billi huwa kien infurmaha meta ordna dan il-kafè; u illi d-ditta konvenuta bagħtet dan il-kafè f'żewġ partiti ta' 100 tunellata l-waħda tardivament, p ress li l-kafè ġie karikat ferm wara l-15 ta' Marzu, b'mod illi huwa (l-attur) ma setax ifornixxi dan il-kafè lill-Gvern fiż-żmien pattwit, u l-Gvern ikkanċella l-kuntratt miegħu minħabba dak ir-ritard; u illi inoltre, meta waslu dawn il-

200 tunellata kafè huwa sab li kienu defiċjenti fil-piż; u talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, il-konvenut nomine (1) jiġi kundannat iħallsu dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti bħala rifużjoni ta' dik il-parti tal-prezz korrispondenti għad-defiċjenza li huwa sab fil-piż tal-merkanzija fuq imsemmija, u (2) l-istess konvenut jiġi dikjarat responsabili tad-danni sofferti minnu minħabba l-ispedizzjoni tardiva tal-merkanzija fuq imsemmija, danni li għandhom jiġu likwidati f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-23 ta' Lulju 1947, u bil-lukri kummerċjali;

*Omissis;*

Il-bejgħ tal-kafè in kwistjoni jirriżulta li sar skond il-kuntratt miktub eżibit fil-fol. 9 tal-proċess. F'dak il-kuntratt jingħad li l-bejgħ sar skond il-kondizzjonijiet stampati fuq id-dahar ta' dak id-dokument; u waħda minn dawk il-kondizzjonijiet tgħid:— "Any dispute arising out of this sale shall be settled by the arbitration of two London brokers, one to be appointed by the sellers and one by the buyers in the usual manner, whose decision shall be accepted as final by both parties................" Dawk il-kondizzjonijiet kienu ġew aċċettati kollha mill-attur (dok. fol. 10 u verbal fol. 19);

Għalkemm id-ditta konvenuta rrikorriet għall-arbitraġġ fuq l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, s'issa l-kwistjoni dedotta f'din il-kawża għadha ma nġiebetx quddiem ebda arbitru; iżda d-ditta konvenuta qajmet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti minħabba dik il-klawsola arbitrali; u għalkemm il-Qorti għaddiet għall-konjizzjoni tal-meritu sabiex tara sa fejn tista' tasal u tifhem aħjar il-kwistjoni, il-konvenut nomine baqa' jinsisti fuq dik l-eċċezzjoni, u l-Qorti ma tistax ma tieħux konjizzjoni tagħha, għax il-kuntratti għall-partijiet kontraenti għandhom is-saħħa ta' liġi, u għandhom jiġu eżegwiti bil-bwona fede (art. 1035 u 1036 Kodiċi Ċivili);

Dak il-patt ma hux kuntrarju għal-liġi, għax il-Qorti tibqa' dejjem kompetenti biex tinvestiga l-validità u l-effikaċja ta' l-arbitraġġ. Il-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Mejju 1931, re "Luigi Spiteri Debono vs. Dr. Louis Galea ne.", ammettiet l-obbligatorjetà ta' dak il-patt, billi rriteniet illi:— "È valida la clausola arbitrale mercè cui tr..

le quistioni insorgenti durante l'esecuzione di un contratto debbano essere deferite ad una determinata camera arbitrale estera............... L'inadempimento ed i conseguenziali danni sono tra gli effetti di un contratto" (Kollez. Vol. XXVIII, P.I, pag. 647). Analogament l-istess *Qorti* kienet irritenjiet ukoll illi:— "*La condizione che rimette*, per volontà dei contraenti, la decisione d'*ogni* loro differenza sorta nella messa in effetto dell'atto d'appalto ad un terzo, sottraendola ai tribunali ordinari, è valida. Tale validità è stata da questa Corte ammessa (Appell, sentenza 27 ta' Ġunju 1924, in re "Lt. Col. Henry N. Foster ne. vs. Antonio Gatt", Kollez. XXV — I — 1071);

U la darba l-patt arbitrali huwa validu, u l-Qorti ma tara ebda impossibilità fl-osservanza tiegħu da parti ta' l-attur, ebda raġuni ma hemm biex l-attur ma joqgħodx għal dak il-patt. Il-fatt li l-arbitraġġ kellu jsir f'Londra ma jaffettax il-validità u l-legalità tal-patt, sew għax ġie miftiehem liberament mill-partijiet, kemm ukoll għax id-ditta konvenuta tinsab preċiżament f'Londra. Għaldaqstant l-attur messu ddeferixxa l-kwistjoni għall-arbitri kif kien miftiehem fil-kuntratt tal-bejgħ, salvi r-rimedji ġudizzjarji wara l-arbitraġġ, jekk ikun il-każ skond il-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-*eċċezzjoni ta' l-inkompetenza fis-sens li ntqal f'dis-sentenza*, u teħles lill-konvenut nomine mill-ħarsa tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur nomine.